**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 10/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Stephen Gulia)**
**(Spettur Roderick Attard)**

**Vs**

**Elton Brincat**
**Brendan Cachia**

**Illum 7 ta' Lulju 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Elton Brincat**, iben Paul Brincat u Mary Brincat neè Ghigo, imwieled fit-23 ta' Settembru 1978 ġewwa Attard u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0461878(M) u ta' **Brendan Cachia**, iben Joseph Cachia u Pauline Cachia neè Spiteri, imwieled fis-27 ta' Jannar 1987 ġewwa l-Pietà u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 075487(M):

1. Talli fl-1 ta' Jannar 2021 għall-ħabta ta' bejn l-05:00hrs u l-05:15hrs ta' filgħodu ġewwa Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa, ikkommettew serq ta' mobile minn fuq l-persuna ta' Anthony Cutajar, anzjan ta' sebgħa u sittin sena, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u bil-ħin għad-dannu ta' l-istess Anthony Cutajar;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Elton Brincat waħdu**:

1. Talli fl-1 ta' Jannar 2021 għall-ħabta ta' bejn l-05:00hrs u l-05:15hrs ta' filgħodu ġewwa Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Anthony Cutajar anzjan ta' sebgħa u sittin sena, liema ħsara hija ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifikata minn Dr. Nicholas Fava tal-Berġa tas-Saħħa tal-Floriana;
2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bla ordni skond il-Liġi ta' l-awtorità kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Anthony Cutajar anzjan ta' sebgħa u sittin sena, kontra l-volontà tiegħu u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex jkun imġiegħel jaċċetta li jagħmel xi trasferiment ta' ħwejjġu;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D. datata 24 ta' Diċembru 2018 li bih tat il-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet;

4. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi rrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Brendan Cachia waħdu**:

1. Talli fl-1 ta' Jannar 2021 u ż-żminijiet ta' qabel ġewwa dawn il-gżejjer saq vettura bil-mutur bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DBS-341 ta' l-għamla Toyota mingħajr licenza tas-sewqan, b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi għamel użu minn vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DBS-341 ta' l-għamla Toyota mingħajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurtà dwar ir-riskju tat-terzi persuni;

3. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi rrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti f'każ ta' ħtija: (i) tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti jew Periti fil-proċeduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384, 385 u 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurtà ta' Anthony Cutajar;

Rat li entrambe l-imputati wieġbu li ma humiex ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħhom[1];

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u markati Dok. "LZ1" sa' Dok. "LZ4" a fol. 9 sa' 34 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Lydon Zammit[2], ta' WPC278 Sherona Buhagiar[3] u Anthony Cutajar[4] mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Jannar 2021 u rat id-dokumenti esebiti mill-Ispettur Lydon Zammit markati Dok. "LZ5" sa' Dok. "LZ14" a fol. 53 sa' 68 tal-proċess u d-dokumenti esebiti minn WPC278 Sherona Buhagiar markati Dok. "SB1" u Dok. "SB2" a fol. 79 sa' 91 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Tekniku John Sacco[5], l-Avukat Dr. Lennox Vella[6], Stephen Cachia in rappreżentanza ta' Transport Malta[7], Dr. Nicholas Fava[8], PS1255 Christian Azzopardi[9] u PC948 Christian Gauci[10] mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Frar 2021 u rat ir-Relazzjoni ta' l-Espert Tekniku John Sacco markata Dok. "JS" a fol. 123 sa' 173 tal-proċess u t-traskrizzjonijiet ta' l-istqarrijiet ta' l-imputati mħejjija mill-Avukat Dr. Lennox Vella a fol. 176 sa' 238 tal-proċess, rat id-dokument esebit minn Stephen Cachia markat Dok. "SC1" a fol. 242 sa' 245 tal-proċess u l-oġġetti esebiti minn

---

[1] Fol. 35 u 36 tal-proċess.
[2] Fol. 47 sa' 52 tal-proċess.
[3] Fol. 69 sa' 78 tal-proċess.
[4] Fol. 92 sa' 99 tal-proċess.
[5] Fol. 120 sa' 122 tal-proċess.
[6] Fol. 174 u 175 tal-proċess.
[7] Fol. 240 u 241 tal-proċess.
[8] Fol. 246 u 247 tal-proċess.
[9] Fol. 248 sa' 250 tal-proċess.
[10] Fol. 251 u 252 tal-proċess.

PS1255 Christian Azzopardi markati Dok. "CS", liema oġġetti għandhom Esebit Nru. KA86/2021[11], semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Roderick Attard[12], ta' l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri[13] u ta' Andrew Pizzuto in rappreżentanza ta' MAPFRE Middlesea[14] mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Marzu 2021 u rat ir-Relazzjoni ta' l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri markata Dok. "MS" a fol. 261 sa' 272 tal-proċess u d-dokument esebit minn Andrew Pizzuto markat Dok. "MI" a fol. 275 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Joanna Piscopo[15] u ta' PC1404 Dale Cassar[16] mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' April 2021 u rat id-dokument esebit mill-Ispettur Joanna Piscopo markat Dok. "JP1" a fol. 288 tal-proċess u d-dokument esebit minn PC1404 Dale Cassar markat Dok. "DC" a fol. 292 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Stephen Gulia mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Mejju 2021[17] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "SGX" a fol. 323 tal-proċess, semgħet ix-xheda ta' l-Aġent Reġistratur Qrati Kriminali Maria Dolores Fenech mogħtija waqt is-seduta tal-21 ta' Ġunju 2021[18] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "MF1" sa' Dok. "MF5" a fol. 338 sa' 358 tal-proċess,

Rat in-Nota ta 'Rinviju għall-Ġudizzju ta 'l-Avukat Ġenerali datata 21 ta' Lulju 2021[19], permezz ta' liema:

Bagħat lill-**imputati flimkien** biex jiġu ġudikati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija taħt dak maħsub:

- Fl-Artikoli 31, 257D(1)(ċ), 257E, 261(a)(f), 262(1)(a)(2), 270, 274(ċ), 275, 276A, 277(a), 281(a) u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hekk kif kien qabel l-emendi ta' l-Att IV ta' l-2013;

Bagħat lill-**imputat Elton Brincat waħdu** biex jiġi ġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija taħt dak maħsub:

- Fl-Artikoli 221(1) u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hekk kif kien qabel l-emendi ta' l-Att IV ta' l-2013;
- Fl-Artikoli 86, 87(1)(ċ)(e), 88 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hekk kif kien qabel l-emendi ta' l-Att IV ta' l-2013;
- Fl-Artikoli 579 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hekk kif kien qabel l-emendi ta' l-Att IV ta' l-2013;
- Fl-Artikoli 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hekk kif kien qabel l-emendi ta' l-Att IV ta' l-2013;

Bagħat lill-**imputat Brendan Cachia waħdu** biex jiġi ġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija taħt dak maħsub:

- Fl-Artikoli 15(1)(a)(3) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta hekk kif kien qabel l-emendi ta' l-Att IV ta' l-2013;

[11] Fol. 253 tal-proċess.
[12] Fol. 255 sa' 258 tal-proċess.
[13] Fol. 259 u 260 tal-proċess.
[14] Fol. 273 u 274 tal-proċess.
[15] Fol. 286 u 287 tal-proċess.
[16] Fol. 289 sa' 291 tal-proċess.
[17] Fol. 320 sa' 322 tal-proċess.
[18] Fol. 336 u 337 tal-proċess.
[19] Fol. 360 u 361 tal-proċess.

- Fl-Artikoli 3(1)(2)(2A)(2B), 4(4) u 22 ta' l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta hekk kif kien qabel l-emendi ta' l-Att IV ta' l-2013;
- Fl-Artikoli 49, 50, 289 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hekk kif kien qabel l-emendi ta' l-Att IV ta' l-2013;

Rat li fis-seduta tas-27 ta' Lulju 2021[20], il-Prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha u l-imputat iddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, inqraw l-Artikoli;

Rat li fuq talba ta' l-imputat Elton Brincat, il-Qorti ordnat li jitħejja Social Inquiry Report fil-konfront tiegħu[21] u rat li fuq talba ta' l-imputat Brendan Cachia, li iddikjara li ma għandux provi x'jressaq f'dawn il-proċeduri, il-Qorti ordnat li jitħejja Social Inquiry Report fil-konfront tiegħu[22];

Semgħet ix-xhieda tal-Probation Officer Maria Mifsud mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' Ottubru 2021[23] u rat is-Social Inquiry Report minnha mħejji fir-rigward ta' l-imputat Elton Brincat markat Dok. "MM" a fol. 369 sa' 412 tal-proċess, rat ir-Rapport ta' Dr. Kevin Sammut Henwood fir-rigward ta' l-imputat Elton Brincat ippreżentat fil-proċeduri fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Elton Brincat" esebit mill-imsemmi imputat f'dawn il-proċeduri permezz ta' Nota ppreżentata fid-19 ta' Ottubru 2021 a fol. 415 sa' 425 tal-proċess u semgħet ix-xhieda tal-Probation Officer Mary Rose Farrugia mogħtija waqt is-seduti tas-27 ta' Jannar 2022[24] u tat-28 ta' Frar 2022[25] u rat is-Social Inquiry Report minnha mħejji fir-rigward ta' l-imputat Brendan Cachia markat Dok. "BC" a fol. 453 sa' 487 tal-proċess;

Semgħet it-trattazzjoni da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difensuri ta' l-imputati;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

**L-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputati Elton Brincat u Brendan Cachia flimkien.**

L-imputati Elton Brincat u Brendan Cachia flimkien qed jiġu akkużati talli fl-1 ta' Jannar 2021 għall-ħabta ta' bejn l-05:00hrs u l-05:15hrs ta' filgħodu ġewwa Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa, ikkommettew serq ta' mobile minn fuq l-persuna ta' Anthony Cutajar, anzjan ta' sebgħa u sittin sena, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u bil-ħin għad-dannu ta' l-istess Anthony Cutajar.

L-imsemmija żewġ imputati ddikjaraw li ma humiex ħati ta' din l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom.

Bin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 21 ta' Lulju 2021[26], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputati flimkien biex jiġu ġudikati minn din il-Qorti għall-ħtija taħt dak maħsub fl-Artikoli 31, 257D(1)(ċ), 257E, 261(a)(f), 262(1)(a)(2), 270, 274(ċ), 275, 276A, 277(a), 281(a) u 533

[20] Fol. 362 tal-proċess.
[21] Digriet datat 6 ta' Settembru 2021, fol. 363 tal-proċess.
[22] Digriet datat 30 ta' Novembru 2021, fol. 434 tal-proċess.
[23] Fol. 365 sa' 368 tal-proċess.
[24] Fol. 451 u 452 tal-proċess.
[25] Fol. 490 u 491 tal-proċess.
[26] Fol. 360 u 361 tal-proċess.

tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hekk kif kien qabel l-emendi ta' l-Att IV ta' l-2013.

**Anthony Cutajar**[27] xehed illi nhar l-1 ta' Jannar 2021 huwa kien miexi *bħas-soltu u fejn il-BOV l-Marsa, kif iddur tiġi għal 2 pompi, rajt waħda qed tinnaviga f'karozza ħadra li ma nafx x'kienet eżatt u biex ma nitlax ħdejhom qbiżt it-triq u tlajt it-telgħa tal-faħam u f'nofsha dik hemm triq żgħira toħroġ għal Paul & Rocco. Ittawwalt waħda lura hekk u nara lil waħda titgħabba ġo karozza. Dħalt ġo dik it-triq iż-żgħira, fil-kantuniera erġajt għamilt waħda hekk u ma rajt lil ħadd. … Kienet qisha għorkitni naqra għajnejja li ġej xi ħaġa. Qbiżt l-ewwel pompa, kien hemm wieħed qed jagħti l-petrol b'karozza bajda, sellimtlu, pompa oħra Paul & Rocco u bdejt nittawwal ġol-armatura. Kont miexi lejn il-knisja u f'daqqa waħda ġie xi ħadd u tani daqqa ġo dahri. Waqajt ma' l-art u qalli l-mobile rrid, ħadli l-mobile minn idi x'ħin kont ma' l-art, ma tlaqtux u tani daqqa ta' sieq hawnhekk* - ossia fil-kustilji - *… imbagħad ħatafuli minn idi, itih daqqa ta' sieq qisu 10 metri, ġabru u kif qomt telaq jiġri. … ta daqqa ta' sieq lill-mobile li ħatafli minn idi għax jien mort biex nerġa' naqbdu.* Anthony Cutajar tenna li *kif qelibni ġejt wiċċi l-fuq hux. Imbagħad kelli l-mobile f'idi, ħatafuli minn idi, waqa' ma' l-art, erġajt mort biex naqbdu l-mobile, itih daqqa ta' sieq forsi minn hawn sas-siġġu, ġabru u telaq jiġri quddiem Paul & Rocco. … Imbagħad mort dritt għall-Għassa tal-Marsa u għamilt ir-rapport.*

Fir-rigward tal-ġrieħi sofferti minnu Anthony Cutajar iddikjara li t-Tabib li nviżtah fil-polyclinic tal-Furjana qallu li għandu ħafna tbenġil minn ġewwa. Iddikjara wkoll li fiż-żmien ta' l-inċident huwa kellu sebgħa u sittin (67) sena. Fir-rigward ta' meta mar jagħmel ir-rapport l-Għassa, Anthony Cutajar iddikjara li *għadda wieħed minn quddiem l-Għassa u qisni skoprejt li kien hu imma peress li mbagħad tella' l-hoodie, għax ma kellux hoodie qabel. … Għax qisni għaraftu u lill-Ispettur tajtu d-dettalji kważi eżatt meta mort.* Cutajar stqarr li l-persuna li agredih kien Malti, kellu qrib l-erbgħin sena, bniedem samrani u kellu ġakketta u qalziet suwed. Muri id-dokument Dok. "LZ9", ossia ritratt ta' mobile phone abjad ta' l-għamla Samsung esebit mill-Ispettur Lydon Zammit, liema mobile phone mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija rriżulta li huwa ta' Anthony Cutajar[28], Anthony Cutajar iddikjara li huwa *l-mobile tiegħi dak, l-istess bħal tiegħi insomma.* Cutajar għaraf lill-imputat Elton Brincat bħala l-persuna li agredieh u ħadlu l-mobile dakinhar ta' l-inċident.

Dak affermat minn Anthony Cutajar jinsab ikkoroborat minn provi oħra prodotti mill-Prosekuzzjoni fosthom il-filmati ta' CCTV cameras miġbura u eżaminati mill-Pulizija u it-Timeline tal-fatti tal-każ imħejji minn WPC Sherona Buhagiar[29] u ikkonfermati mill-Espert Tekniku John Sacco[30].

Mill-filmati ta' CCTV cameras[31] u mill-istills maħruġa minnhom Anthony Cutajar jidher ċar għaddej bil-mixi minn quddiem il-pompa tal-petrol JPC Service Station fl-1 ta' Jannar 2021 bejn 05:10:29hrs u 05:10:40hrs u mbagħad jgħaddi, dejjem bil-mixi, minn minn quddiem il-pompa tal-petrol Paul & Rocco Service Station bejn 05:10:59hrs u 05:11:27hrs. Mill-istess filmati u stills dejjem relattivi għall-1 ta' Jannar 2021, tidher vettura skura - li mill-investigazzjonijiet ulterjuri tal-Pulizija rriżulta li kienet Toyota Vitz ta' lewn iswed bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DBS-341[32] - għaddejja fit-triq fl-istess direzzjoni li fiha kien sejjer Cutajar, taqleb għan-naħa tal-lemin tat-triq, tieqaf, jinżel xi ħadd mill-vettura u dan jmur bil-mixi wara Anthony Cutajar, u l-vettura terġa ddur ġewwa l-pompa u tmur lura mid-

[27] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Jannar 2021, fol. 92 sa' 99 tal-proċess.
[28] Vide xhieda ta' l-Ispettur Lydon Zammit mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Jannar 2021, fol. 47 sa' 52 tal-proċess.
[29] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Jannar 2021, fol. 69 sa' 78 tal-proċess u Dok. "SB1" u Dok. "SB2" a fol. 79 sa' 91 tal-proċess.
[30] Relazzjoni markata Dok. "JS" a fol. 123 sa' 173 tal-proċess.
[31] Dok. "SB2" a fol. 91 tal-proċess.
[32] Xhieda mogħtija mill-Ispettur Lydon Zammit waqt is-seduta ta' l-14 ta' Jannar 2021, fol. 47 sa' 52 tal-proċess.

direzzjoni fejn kienet ġejja. Dana kollu seħħ bejn 05:10:59hrs u 5:11:59hrs. F'5:11:42hrs tidher persuna ġejja tiġri min-naħa minn fejn ġiet il-vettura imsemmija u bejn 05:12:01hrs u 05:12:08hrs din tgħaddi minn quddiem il-pompa tal-petrol JPC Service Station u hemm jidher b'mod ċar ħafna li din il-persuna kien l-imputat Elton Brincat, u baqa' sejjer lejn id-direzzjoni lejn fejn saqet l-istess vettura in kwistjoni.

Apparte dak li rriżulta mill-filmati tal-CCTV cameras, mix-xhieda ta' PS1255 Christian Azzopardi[33] jirriżulta wkoll li l-ħwejjeġ li jidhru fuq il-persuna għaddejja miexja lura minn quddiem il-pompi tal-petrol JPC Service Station bejn 05:12:01hrs u 05:12:08hrs ta' l-1 ta' Jannar 2021, instabu fir-residenza ta' omm l-imputat Elton Brincat ġewwa Marsascala, l-istess residenza li fih kien qed jirrisjedi dak iż-żmien l-istess imputat, kif anke minnu stess ikkonfermat fl-istqarrija tiegħu. Dawn il-ħwejjeġ ġew esebiti bħala Dok. "CS" mill-imsemmi PS1255 Christian Azzopardi[34].

Li fil-vettura ta' l-għamla Toyota Vitz bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DBS-341 dakinhar ta' l-1 ta' Jannar 2021 fil-ħinijiet imsemmija iktar 'l fuq kien hemm l-imputati Elton Brincat u Brendan Cachia u li l-persuna li niżlet mill-vettura u baqgħet sejra wara Anthony Cutajar kien l-imputat Elton Brincat, jirriżulta ikkonfermat mill-istqarrijiet rilaxxati mill-imsemmija żewġ imputati.

Fl-istqarrija tiegħu l-imputat Elton Brincat[35] iddikjara li fil-31 ta' Diċembru 2020, l-imputat Brendan Cachia għadda għalih id-dar b'vettura ta' l-għamla Toyota Vitz sewda u bdew iduru b'din il-karozza, fi kliemu stess *Wied il-Għajn, Raħal Ġdid, kullimkien hux* u f'ħin minnhom waslu l-Marsa. Skond Brincat kif kienu hemm kien hemm persuna femminili li rat lil Anthony Cutajar għaddej u qaltlilhom li kien persuna jieħu qtajja mix-xejn. Dejjem skond Brincat, kif sema' hekk hu ddeċieda li jmur minn wara Cutajar u jagħtih qata' u iżda kif tah qata' dan, ossia Cutajar, waqa' ma' l-art, Brincat inħasad kif ra hekk u tela' minn fuq il-post u ftit 'l fuq, xi erba' passi 'l bogħod minn fejn kien hemm Anthony Cutajar ma' l-art, sab mobile ma' l-art, ġabru u ħadu miegħu.

Fir-rigward ta' dan il-mobile l-imputat Elton Brincat iddikjara li *jiena ma sraqtx, jiena kien hemm persuna tajtu, rajtu jimxi u tajtu qata' u dan il-persuna waqa' ma' l-art u hekk u kif waqa' ma' l-art jiena qbadt u tlaqt 'l hemm u kif jiena u tlaqt 'l hemm naqra 'l fuq sibt mowbajl u ħadtu.* Hawn il-Qorti tosserva li mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija rriżulta li dan il-mobile nstab fil-pussess ta' l-imputat Brendan Cachia u irriżulta li huwa l-mobile ta' Anthony Cutajar. L-imputat Elton Brincat ċaħad li b'xi mod wegga' lil Cutajar u stqarr ukoll li kien hu li qal lill-imputat Brendan Cachia biex imur jistenna bil-karozza iktar 'l fuq u r-raġuni li ta għal dan kienet *għax jiena ma kellix biża' hux.* Brincat ikkonferma li l-mobile li ġabar, neħħielu s-SIM Card, qasamha u remiha u l-mobile tah lill-imputat Brendan Cachia.

Fl-istqarrija tiegħu l-imputat Brendan Cachia[36] ddikjara li fil-lejl ta' lejliet l-ewwel tas-sena 2021 huwa kien qiegħed flimkien ma' l-imputat Elton Brincat, li għadda għalih Wied il-Għajn, u ma' ħabiba tiegħu Donna Camilleri u li kienu qed iduru bil-vettura ta' missieru li hija Toyota Vitz sewda bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DBS-341. Eventwalment fl-1 ta' Jannar 2021 għall-ħabta tal-05:00a.m. waslu l-Marsa u fil-karozza baqgħu hu u l-imputat Elton Brincat. Dwar id-dinamika ta' dak li ġara, l-imputat Brendan Cachia stqarr li *qalli soqtlu, għidtlu x'ħa tagħmel Elton? qalli, le ġej, qalli inti suq issa ngħidlek jiena, startjajt il-karozza jiena, soqt u qalli waqqafni hawn, waqqafni hawn. Waqaft ġo dak il-pompa tal-petrol. … u niżel mill-karozza … waqqgħalu l-mowbajl tiegħu. … Reġa' ġabru nsomma u*

---

[33] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Frar 2021, fol. 248 sa' 250 tal-proċess.
[34] Dok. "CS" għandu Esebit Nru. KA86/2021.
[35] Traskrizzjoni a fol. 178 sa' 205 tal-proċess.
[36] Fol. 206 sa' 238 tal-proċess.

*telaq. Jiena għidt x'ħa jagħmel dan, imbagħad startjajt u erġajt dort lura u mort nistenna, inżilt 'l hemm isfel fejn kont qed nistenna. … mort nistenna hemm isfel jiena u imbagħad wara ftit ġie, qalli, għidtlu x'għamilt Elton? Kumbinazzjoni ġiet Donna dak il-ħin ukoll, għidtlu, qaltlu x'għamilt? X'għamilt? Qalilha, qalilha kien hemm raġel ma nafx x'għamillu u waqa ma' l-art, naf żgur li qal waqa' ma' l-art u ħadlu, ġie b'dak il-mowbajl li hemm hemmhekk* - ossia l-mobile li f'dawn il-proċeduri ġie esebit minn PC1404 Dale Cassar bħala Dok. "DC" a fol. 292 tal-proċess[37]. Brendan Cachia saħaq li kien l-imputat Elton Brincat li qallu biex isuq lejn il-pompa li huwa jagħrafha bħala l-pompa l-antika u stqarr ulterjorment li *għidtlu Elton, għidtlu tagħmilx kummiedji, għidtlu one l-karozza mhux tiegħi, hija ta' missieri.* Mistoqsi għalfejn qallu hekk lil Brincat, Brendan Cachia wieġeb *għax ma nafux, lil Elton bilkemm nafu lanqas eżatt jiena, jiena biex jagħmel xi kummiedja x'jrid? … għax inti fil-ħamsa ta' filgħodu (05:00a.m.) jien naf, tara raġel u kont twaqqfu jekk kien għaddej minn ħdejna, m'għandekx għalfejn issuq bil-karozza.*

Brendan Cachia stqarr ulterjorment illi *għidtlu għamiltlu xi ħaġa? Qalli le, qalli kif semgħani niġri, qalli warajja, qalli, qalli waqa' ma' l-art. Ma qallix x'għamillu eżatt, qalli waqa' ma' l-art. Għidtlu waqa' ma' l-art man? Għidtlu inti qed tiġġennen? Anke kien hemm Donna, qaltlu x'għamitlu? Għidtlu Elt għidtlu ħa nsuq minn hawn għidtlu u ħa mmur, għidtlu ara ssibux dan ir-raġel, dak il-ħin anke hu stess qalli, qalli isma' qalli, qalli ejja ħa nagħtihulu lura man, qalli lanqas ħaqq biċċa mowbajl u x'naf jien u tħassartu. Imma jiena lil dan ir-raġel qatt ma rajtu, ġifieri ma stajtx ngħidlek … jekk hux xiħ jew hekk, qas qatt ma rajtu u startjajt, għidtlu sibu Elt, għidtlu sibu ħa tagħtihulu, għidtlu għax hemmhekk hemm il-cameras, għidtlu l-karozza mhux fuqi ddaħħalnix f'kummiedji u jien m'għandix għalfejn nagħmel dawn l-affarijiet u qatt m'għamilthom fil-verità, la qatt dħalt fuq xjuħ jew dawn l-affarijiet u soqt, soqna 'l hemm isfel lejn is-Sweet Kim fejn hemm l-Għassa … tal-Marsa u qalli waqqafni hawn qalli ħa nara narahx man u niżel jiġifieri bil-mowbajl f'idu … biex isibu biex jagħtihulu u qalli … le ma sabux. … għidtlu mur iċċekkja l-Għassa man għax naħseb mar l-Għassa jien, heqq, għidtlu naħseb l-Għassa mar jekk għamiltlu xi ħaġa. … Meta għidtlu jekk għamiltlux xi ħaġa? Qalli, qalli ifhimni m'għamiltlu xejn, qalli, qalli bdejt niġri, semgħani, qalli semgħani, beza', waqa'.*

L-imputat Brendan Cachia saħaq li l-imputat Elton Brincat la qallu x'kien se jagħmel meta qallu biex isuq lejn il-pompa u lanqas ma qallu x'għamel wara. Fir-rigward stqarr li *ma qallix, ma qallix x'se jmur jagħmel. … mela jiena kieku ħa jgħidli ħa jmur jagħmel hekk, minn hemm sal-pompla kont ngħidlu mela mur bil-mixi. Ma tarax immur nagħmel dik il-kummiedja jiena … ma qallix, qalli waqa' ma' l-art, beda sejjer qe, qe, qe, qe. … qalli waqqgħalu l-mowbajl, qalli u ħadtu u tħassartu… għidtlu imxi ħa tmur issibu jiena ħa nagħtuhulu lura. … Jiena issuġġerejtlu biex isib lil, lil dan ir-raġel. Għidtlu sibu, għidtlu issa ma marx 'il bogħod mill-ewwel 'l hawn. Għidtlu għalfejn, qalli ħa ninżel, qalli naħseb qiegħed l-Għassa. … għidtlu allura mur u ara hux qiegħed l-Għassa, għidtlu jekk qiegħed l-Għassa aħjar għidtlu ħa tgħidlu imma jien qisni mhux ħa naqbad u mmur jien Sir, ma rridx nidher jiena fiha l-istorja. … dorna biex nagħtuhulu lura. Jien dort biex infittxu lura. Il-mowbajl dak il-ħin kien għadu ma ġiex f'idi. … ma sabux lil dak ir-raġel, niżel mill-karozza u mexa biċċa 'l isfel u għadda minn quddiem l-Għassa, qalli naħseb mar l-Għassa jien. Għidtlu imma agħtihulu Elton ara x'ħa tagħmel, lanqas ħaqq. … Għadda minn quddiem il-bieb tal-Għassa mingħalija ta. Niżżiltu mill-karozza u niżel ifittxu 'l hemm isfel żgur.* Għalkemm l-imputat Cachia stqarr li riedu jagħtu l-mobile lura lil Anthony Cutajar, ammetta li fl-aħħar mill-aħħar il-mobile spiċċa għandu u kien qed jagħmel użu minnu hu.

Minn dawn l-istqarrijiet jirriżulta ferm ċar li ż-żewġ imputati kienu fil-post ta' l-inċident fil-ħin ta' l-inċident u li fil-fatt kien hemm kuntatt bejn l-imputat Elton Brincat u Anthony

---

[37] Vide wkoll xhieda mogħtija minn PC1404 Dale Cassar fis-seduta tas-6 ta' April 2021, fol. 289 sa' 291 tal-proċess.

Cutajar. Għalkemm entrambe l-imputati jippruvaw jeżimu ruħhom minn kull responsabilità kriminali fir-rigward ta' l-akkadut, bl-imputat Elton Brincat jgħid li huwa kemm ried jagħti qata' lil Anthony Cutajar u li l-mobile li ħa kien sabu ma' l-art u bl-imputat Brendan Cachia jgħid li huwa ma kien jaf b'xejn la x'setgħet kienet l-intenzjoni ta' l-imputat Elton Brincat jew x'għamel Elton Brincat, din il-Qorti ma hijiex affattu konvinta mill-iskużi minnhom imressaq.

Jibda biex jingħad li l-verżjonijiet mogħtija mill-imputat Elton Brincat u mill-imputat Brendan Cachia dwar kif ġie *targeted* Anthony Cutajar assolutament ma jaqblux. Filwaqt li l-imputat Elton Brincat qal li kien hemm mara, li għal raġunijiet li jaf huwa biss baqa' jinsisti li ma jidentifikax min hi u anke filli qal li jafha u filli qal li ma jafhiex, li kienet qalet lilu u lil Brendan Cachia li Anthony Cutajar kien raġel li jieħu qtajja mix-xejn u b'hekk għażlu li jagħmlu ċajta fuqu, l-imputat Brendan Cachia li bla dubju ta' xejn kien fil-karozza flimkien ma' l-imputat Elton Brincat - in effetti kien hu li qed isuq il-vettura - jgħid li l-imputat Elton Brincat qallu biex isuq lejn Anthony Cutajar mingħajr ma jgħidlu xejn wisq iktar minn hekk u ħlief li ried ikellmu. Kieku l-verżjonijiet tagħhom kellhom mill-verità wieħed kien jippretendi li jkunu jaqblu partikolarment meta kienu flimkien fl-istess karozza fl-istess ħin.

Anke għal dak li jirrigwarda l-mobile u kif dan ittieħed mill-imputat Elton Brincat, il-Qorti assolutament ma temminx li l-imputat Brincat sempliċement ġabru mill-art ftit 'l bogħod minn fejn kien hemm Anthony Cutajar ma' l-art. L-ewwel nett meta l-mobile kien hekk viċin ta' Anthony Cutajar huwa ċert li l-ewwel ħaġa li tgħaddi minn moħħ dak li jkun hija li dak il-mobile huwa x'aktarx ta' dik il-persuna - in effetti mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija rriżulta li l-mobile li eventwalment instab fil-pussess ta' l-imputat Brendan Cachia kien il-mobile ta' Anthony Cutajar - u li kieku verament kull ma ried l-imputat Brincat kien li jagħmel ċajta fuq Anthony Cutajar u xejn iktar, żgur illi jew kien jgħinu jqum u jagħtih il-mobile lura jew ta' l-inqas il-mobile ma jmissux u jħallih hemm.

Lanqas ma hija assolutament konvinta l-Qorti mill-allegata intenzjoni ġenwina ta' l-imputati Elton Brincat u Brendan Cachia li jirritornaw il-mobile lil Anthony Cutajar. Għalkemm entrambe jistqarru li tant riedu jagħtuh il-mobile lura li marru sa' ħdejn l-Għassa tal-Marsa biex jaraw jarawhx hemm, il-mobile baqa' qatt ma ġie ritornat minnhom lil Anthony Cutajar, għad illi kien l-Għassa tant illi ra lill-imputat Elton Brincat għaddej bil-mixi minn quddiem l-Għassa, jew ta' l-inqas ħallewh ġo Għassa biex jiġi ritornat lilu, invece l-mobile baqa' għandhom, senjatament fil-pussess ta' l-imputat Brendan Cachia u kien qed jagħmel użu attiv minnu diversi ġranet wara l-akkadut, ossia sa' meta ġie arrestat mill-Pulizija.

Fil-fehma tal-Qorti għalhekk f'dan il-każ seħħ dak li fil-fatt xehed Anthony Cutajar u affermat mill-Prosekuzzjoni u cioè li fl-1 ta' Jannar 2021 bejn il-05:00a.m. u l-05:15a.m. meta kien miexi fi Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa, Cutajar ġie aggredit minn persuna minn wara u misruq, senjatament insteraqlu l-mobile. Fil-fehma tal-Qorti wkoll jirriżulta ppruvat 'l hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat Elton Brincat kien il-persuna li aggredixxa u seraq lil Anthony Cutajar u l-imputat Brendan Cachia kien kompliċi ta' l-imputat Brincat fit-twettiq ta' dan ir-reat, reat li l-elementi kollha tiegħu jirriżultaw mill-provi prodotti.

Il-Qorti tosserva li l-Kodiċi Kriminali tagħna ma jagħti ebda definizzjoni tar-reat ta' serq iżda l-elementi essenzjali għas-sussistenza ta' l-istess huma ormai ben stabbilit u derivanti mill-insenjament tal-ġurista Carrara li jiddefinixxi r-reat ta' serq bħala *la contrettazione dolosa della cosa altrui fatta invito domino con animo di farne lucro*. Il-Professur Sir Anthony Mamo jgħallem illi *our courts have generally speaking adopted the definition of the crime given by Carrara* u l-elementi materjali u formali tar-reati derivanti minn tali definizzjoni huma ħamsa, ossia *1.The contrectatio of a thing. 2. belonging to others. 3. made fraudulently. 4. without the consent of the owner. 5. animo lucrandi.*

Huma dawn l-elementi li jridu jiġu ppruvati sabiex persuna mixlija bir-reat ta' serq effettivament tinstab ħatja ta' l-istess. Jiġi osservat ukoll li huwa prinċipju assodat fil-ġurisprudenza nostrali li r-reat ta' serq huwa kkonsmat u jissussisti fl-elementi kollha tiegħu fil-mument li *la cosa fosse anche spostata dal luogo in cui originariamente si trovava*, irrispettivament mir-ritorn eventwali tar-*res furtiva*. Kif osservat minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Kevin Tonna, Każ. Nru. 101/2020** deċiża fit-8 ta' Frar 2022, *il-ġuristi Taljani huma konkordi li għall-prova ta' dan l-element formali tar-reat, irid jintwera li l-att illeċitu jkun sar bid-dolo speċifiku cioè bil-konoxxenza u volontà ta' l-aġent li jakkwista xi vantaġġ għalih jew għal ħaddieħor:- "... nella nozione di profitto rientra qualsiasi utilità o sodisfazione, anche puramente morale, che l'agente intenda ricavare dall'impossessamento della cosa".*

Kif già osservat, mill-provi prodotti jirriżulta b'mod ċar li fil-każ in eżami fost affarijiet oħra ttieħed il-mobile ta' Anthony Cutajar, mingħajr il-kunsens tiegħu, u bl-iskop ta' lucru, f'dan il-każ bl-iskop li dan l-istess mobile jibqa' jintuża mill-persuni li wettqu r-reat a detriment u a skapitu ta' l-istess Anthony Cutajar.

L-akkuża dedotta fil-konfront ta' l-imputati hija dik ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza ai termini ta' l-Artikolu 262(1)(a)(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u bil-ħin ai termini ta' l-Artikolu 270 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Mata - artikoli tal-Liġi dawn riflessi fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali.

Hawn il-Qorti tixtieq tiftaħ parentesi żgħira dwar in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali[38] fejn fir-rigward ta' kull Liġi minnu ndikata żied jgħid *hekk kif kien qabel l-emendi ta' l-Att IV ta' l-2013*. Il-Qorti qrat l-Att IV ta' l-2013 u ikkunsidrat kull wieħed mill-artikoli tal-Liġi ndikati mill-Avukat Ġenerali fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju u waslet għall-konklużjoni li ebda wieħed mill-artikoli tal-Liġi pertinenti għal dawn il-proċeduri ma ġie b'xi mod emendat bl-Att IV ta' l-2013 u għaldaqstant tali Att ma għandu assolutament l-ebda rilevanza fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri.

Trattat dan il-punt, il-Qorti tosserva li l-Artikolu 262(1)(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *Is-serq huwa ikkwalifikat bil-'vjolenza' - (a) meta jsir flimkien ma' omiċidju, ma' offiża fuq il-persuna, jew ma' sekwestru tal-persuna, jew ma' theddid bil-miktub jew bil-fomm ta' omiċidju, jew ta' offiża fuq il-persuna jew ta' ħsara fil-proprjetà.* Is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 262 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *Sabiex att ta' vjolenza jitqies li jikkwalifika s-serq, huwa biżżejjed li dan l-att isir qabel jew fil-waqt tas-serq, jew minnufih wara, sabiex igħin il-konsumazzjoni tad-delitt jew il-ħelsien tal-ħati mill-piena jew mill-arrest jew mill-għagħa tal-offiż jew ta' oħrajn, jew sabiex il-ħati ma jħallix tiġi lilu meħuda lura l-ħaġa misruqa, jew biex jivvendika ruħu talli ma jkunux ħallewh jew fittxew li ma jħalluhx jisraq, jew talli jkunu ħadulu lura l-ħaġa misruqa, jew talli jkun ġie mikxuf bħala l-ħalliel.*

Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, senjatament mix-xhieda ta' Anthony Cutajar u mix-xhieda ta' Dr. Nicholas Fava, li kien it-Tabib li nvista lil Cutajar dakinhar ta' l-1 ta' Jannar 2021 wara l-aggressjoni, jirriżulta li f'dan l-inċident u a causa ta' l-aggressjoni subita Anthony Cutajar ġarrab ġrieħi ta' natura ħafifa.

Kif già iktar 'l fuq osservat Anthony Cutajar xehed illi *kont miexi lejn il-knisja u f'daqqa waħda ġie xi ħadd u tani daqqa ġo dahri. Waqajt ma' l-art u qalli l-mobile irrid, ħadli l-mobile minn idi x'ħin kont ma' l-art, ma tlaqtux u tani daqqa ta' sieq hawnhekk* - ossia fil-

[38] Fol. 360 u 361 tal-proċess.

kustilji - *... imbagħad ħatafuli minn idi, itih daqqa ta' sieq qisu 10 metri, ġabru u kif qomt telaq jiġri. ... ta daqqa ta' sieq lill-mobile li ħatafli minn idi għax jien mort biex nerġa' naqbdu.* Il-Qorti ma tara li hemm edba raġuni għalfejn ma għanhiex temmen il-verzjoni tal-fatti kif mogħtija minn Anthony Cutajar, iktar u iktar meta t-Tabib li nvistah dakinhar stess ta' l-1 ta' Jannar 2021, ossia Dr. Nicholas Fava[39], xehed illi *sibtlu li kellu uġigħ fuq in-naħa t'isfel fuq il-lemin ta' sidru imma ma danakollu ma kellu l-ebda ġrieħi evidenti* u konsegwentement irrilaxxa ċertifikat mediku fejn ikklassifika l-ġrieħi imġarrba minnu bħala ġrieħi ħfief[40].

Minn dawn il-provi huwa evidenti li l-elementi previsti fl-Artikolu 262(1)(a)(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta huma pjenament sodisfatti.

L-imputati qed jiġu akkużati wkoll bir-reat ta' serq ikkwalfikat bil-ħin ai termini ta' l-Artikolu 270 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu tal-Liġi jipprovdi li s-serq huwa kkwalifikat bil-"ħin" meta jsir bil-lejl, jiġifieri bejn inżul u t-tlugħ ix-xemx.

Fis-sottomissjonijiet orali d-Difensur ta' l-imputat Elton Brincat issottomettiet illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li fil-fatt ir-reat in kwistjoni seħħ bil-lejl kif imfisser fil-Liġi. Il-Qorti hawn assolutament ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni tad-Difensur ta' l-imputat Elton Brincat stante li mill-filmati tas-CCTV Cameras - Dok. "SB2" a fol. 91 tal-proċess - jirriżulta bl-iktar mod ċar li dakinhar ta' l-1 ta' Jannar 2021 bejn il-05:00a.m u 05:15a.m., ix-xemx kienet għadha ma telgħetx u fil-fatt kien għadu d-dlam.

Konsegwentement għalhekk mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni huwa evidenti u ċar li l-elementi previsti fl-Artikolu 270 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta huma pjenament sodisfatti.

Fil-fehma tal-Qorti, kif del resto gia iktar 'l fuq osservat, filwaqt li l-imputat Elton Brincat jirriżulta 'l hinn minn kull dubju raġonevoli li huwa l-awtur tar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-ħin a detriment ta' Anthony Cutajar, jirriżulta daqstant 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputat Brendan Cachia kien kompliċi f'dan ir-reat hekk ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-ħin u dan ai termini ta' l-Artikolu 42(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Omissis, Jason Galea**, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017, *il-figura tal-kompliċi hija ta' 'dak li għalkemm ma jipparteċipax materjalment fis-serqa ... jagħmel xi ħaġa, bi ftehim magħhom, jiġifieri jkun hemm il-ftehim minn qabel magħhom, biex jgħinhom jew fil-preparazzjoni tas-serqa, jew fit-twettiq tas-serqa, anke min ikun qiegħed jgħinhom fit-twettiq tas-serqa per eżempju billi joqgħod għassa barra. ... jew inkella, dejjem bi ftehim magħhom, jew fil-preparazzjoni jew fit-twettiq tas-serqa, jew jgħinhom, però dejjem bi ftehim minn qabel magħhom, biex wara s-serqa jaħarbu, jew biex ma jinqabdux jew biex jiddisponu mir-refurtiva. L-importanti huwa li jkun hemm il-ftehim minn qabel" ... Ma hux neċessarju illi l-kompliċi jkun preżenti fuq ix-xena tad-delitt basta li jkun offra dik l-għajnuna bi ftehim minn qabel.*

Kif osservat ukoll min din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Philip Borg et** deċiża fl-24 ta' April 2017, il-Professur Mamo jgħallem fir-rigward illi: *a mere physical participation in the act without a participation in the criminal design cannot be the ground of criminal liability. In other words, no matter how effectively the act of one person may have helped another in the commission of an offence, the former*

[39] Xhieda mogħtija fis-seduta tat-22 ta' Frar 2021, fol. 246 tal-proċess.
[40] Dok. "LZ8" a fol. 58 tal-proċess.

*is not responsible as a co-principal or an accomplice, unless it can be shown that he did the act with the purpose of which another takes advantage to commit an offence, that man does not in any legal sense participate in the offence." Illi dwar il-prova neċessarja biex tirriżulta imputazzjoni ta' kompliċità f'reat imwettaq minn persuna oħra għalhekk irid jirriżulta sodisfaċentement pruvat mill-prosekuzzjoni ... li l-imputat (i) kien jaf li l-awtur kien ser iwettaq id-delitt u (ii) li hu deliberatament għenu biex hekk iwettaq id-delitt billi għamel xi ħaġa li tinkwadra f'wieħed mill-paragrafi (a) sa (e) tal-Artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali. Is-sempliċi fatt li l-imputat mar ma' l-awtur, u anke kien fuq il-post waqt li dan wettaq id-delitt in kwistjoni, ma jfissirx neċessarjament li hu kien jaf x'kellu f'moħħu.* Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali però iċċarat li: *Huwa veru li l-presenza ta' persuna fuq il-post tad-delitt u waqt li jkun qed jiġi kommess id-delitt tista' tammonta għall-kompliċità f'dak id-delitt kemm-il darba jkun jirriżulta li bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-hsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt*[41].

Meta dawn il-prinċipji ġuridiċi jiġu applikati għall-fatti tal-każ in eżami jirriżulta li fil-każ ta' l-imputat Brendan Cachia, li *ex admissis* kien qed isuq il-vettura ta' l-għamla Toyota Vitz sewda bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DBS-341, ma kienx sempliċement fiżikament preżenti flimkien ma' l-imputat Elton Brincat fil-karozza qabel u wara li seħħ ir-reat a dannu ta' Anthony Cutajar iżda kien parteċipi fil-ħsieb kriminuż ossia kien hemm ħsieb komuni bejniethom li jsir dak id-delitt.

Għalkemm fl-istqarrija tiegħu l-imputat Brendan Cachia jsostni li huwa ma kienx jaf x'kien bi ħsiebu jagħmel l-imputat Elton Brincat meta qallu biex isuq fid-direzzjoni ta' Anthony Cutajar u lanqas x'għamel meta ġie lura fil-karozza b'mobile mhux tiegħu f'idu, il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni u b'mod partikolari l-filmati tas-CCTV cameras elevati u eżaminati mill-Pulizija, juru realtà u verità għal kollox differenti.

Mill-filmati tal-fond 56, Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa[42], il-vettura misjuqa mill-imputat Brendan Cachia tidher għaddejja minn quddiem il-fond in kwistjoni fl-04:35:36hrs ta' l-1 ta' Jannar 2021. Ftit wara senjatament fl-04:57:56hrs, l-istess vettura terġa' tidher għaddejja minn quddiem l-imsemmi fond u fl-04:58:10hrs terġa tidher għaddejja minn quddiem il-fond imsemmi iżda din id-darba fuq in-naħa tal-BOV, li jfisser li dawret id-direzzjoni tagħha. Fl-1 ta' Jannar 2021 bejn 05:10:29 sa' 05:10:40hrs jidher Anthony Cutajar għaddej mill-imsemmija triq minn quddiem il-pompa tal-petrol JPC Service Station u jibqa' nieżel lejn il-pompa tal-petrol Paul & Rocco Service Station u jgħaddi minn quddiemja bejn 05:10:59hrs u 05:11:27hrs. Fil-05:10:59hrs, jiġifieri x'ħin Anthony Cutajar kien sejjer lejn u għaddej minn quddiem il-pompa tal-petrol Paul & Rocco Service Station, il-vettura misjuqa mill-imputat Bredan Cachia tidher fi Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa, ssuq fl-istess direzzjoni ta' Anthony Cutajar u lejn Anthony Cutajar, taqsam it-triq lejn il-lemin għal ġol-pompa tal-petrol Paul & Rocco Service Station - dana fil-05:11:06hrs -, tieqaf, jinżel persuna mill-karozza min-naħa tal-passiġġier fil-05:11:13, li mill-provi irriżulta li kien l-imputat Elton Brincat, u l-vettura iddur fil-pompa tal-petrol u fil-05:11:37 issuq fid-direzzjoni opposta li fiha kien sejjer Anthony Cutajar fejn biex, hekk kif irriżulta mill-provi, l-imputat Brendan Cachia mar jistenna lill-imputat Elton Brincat. L-imputat Elton Brincat jidher għaddej lura minn quddiem il-pompa tal-petrol Paul & Rocco Service Station u bejn 05:12:01hrs u 05:12:08hrs jidher għaddej minn quddiem il-pompa tal-petrol JPC Service Station u jimxi fid-direzzjoni li marret il-vettura misjuqa mill-imputat Brendan Cachia.

---

[41] Il-Pulizija v. Carmelo Agius deciza 24.02.2002.
[42] Dok. "SB1" u Dok. "SB2" a fol. 79 sa' 91 tal-proċess.

Dana kollu fil-fehma tal-Qorti kjarament juri li l-każ in eżami la kien każ fejn l-imputat Brendan Cachia waqqaf lill-imputat Elton Brincat biex b'ċajta dan imur jagħti qata' lil Anthony Cutajar u wisq inqas kien każ fejn l-imputat Brendan Cachia waqqaf lill-imputat Brincat biex imur wara Anthony Cutajar mingħajr ma jaf ir-raġuni għalfejn u sempliċement iwissih biex ma jagħmilx kummiedji. Iżda dan kien każ evidenti fejn iż-żewġ imputati kienu ilhom ċertu ammont ta' ħin jħufu fi Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa, u x'ħin innutaw lil Anthony Cutajar għaddej bil-mixi waħdu, bi ftehim bejniethom l-imputat Brendan Cachia wassal lill-imputat Elton Brincat għal wara Anthony Cutajar u x'ħin dan niżel mill-karozza biex imur għal wara Anthony Cutajar, l-imputat Brendan Cachia mar bil-karozza fid-direzzjoni opposta jistenna lil Elton Brincat. Huwa evidenti għalhekk li l-imputat Brendan Cachia kien komplici ta' l-imputat Elton Brincat fit-twettiq ta' dan ir-reat kontra Anthony Cutajar.

Għalkemm Brendan Cachia jgħid li veru kien qed jistenna lil Brincat iżda meta dan tfaċċa fil-karozza b'mobile mhux tiegħu f'idu qallu biex isib lil dak ir-raġel li mar warajh - ossia lil Anthony Cutajar - biex jagħtih il-mobile lura, għalkemm huwa veru li l-imputat Elton Brincat għadda bil-pass minn quddiem l-Għassa tal-Marsa, il-Qorti assolutament ma temminx li kien hemm xi forma ta' pentiment jew ripensament da parte ta' Brendan Cachia għal dak li kien ġara. In effetti minkejja dak minnu mistqarr fl-istqarrija tiegħu, l-imputat Brendan Cachia ma għamel xejn biex iġiegħel lill-imputat Elton Brincat jirritorna l-mobile, anzi huwa, ossia Cachia, ħa pussess tal-mobile u beda jagħmel użu minnu hu, użu li ġie fi tmiemu sempliċement għaliex ftit ġranet wara l-akkadut huwa ġie arrestat mill-Pulizija.

Fid-dawl ta' dan għalhekk, il-Qorti ttenni li filwaqt li l-imputat Elton Brincat huwa l-awtur tar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-ħin a dannu ta' Anthony Cutajar, l-imputat Brendan Cachia huwa kompliċi ta' l-imsemmi Elton Brincat fit-twettiq ta' dan ir-reat.

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju l-Avukat Ġenerali jqis li din il-Qorti għandha issib ħtija fl-imputati Elton Brincat u Brendan Cachia flimkien ai termini ta' l-Artikoli 257D(1)(ċ) u 257E tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 257D(1)(ċ) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *Kull persuna li tinsab ħatja ta' xi reat taħt it-Titolu IX tat-Taqsima II ta' l-Ewwel Ktieb* - ossia ta' delitti kontra l-proprjetà u kontra s-sigurtà pubblika, inklużi reati ta' serq sempliċi jew ikkwalifikat - *meta r-reat jitwettaq fuq persuna anzjana jew adult dipendenti, teħel il-piena prevista f'dan l-artikolu: ... (ċ) meta l-ammont tal-ħsara magħmula mill-ħati ma jkunx aktar minn mitejn u ħamsin euro (€250) il-ħati jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn sitt xhur.*

Għalkemm mill-imputazzjoni kif oriġinarjament dedotta fil-konfront ta' l-imputati jidher ċar li huma ġew akkużati fir-reat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolena u bil-ħin a dannu ta' Anthony Cutajar, anzjan ta' 67 sena, u għalkemm ukoll mill-provi prodotti - senjatament mix-xhieda ta' Anthony Cutajar u mill-estratt taċ-Ċertifikat tat-Twelid tiegħu esebit mill-Ispettur Stephen Gulia bħala Dok. "SGX" a fol. 323 tal-proċess - jirriżulta 'l hinn minn kull dubju raġonevoli li fiż-żmien tat-twettiq tar-reat in kwistjoni, l-imsemmi Cutajar effettivament kellu iktar minn sittin sena, il-Qorti tqis li l-Artikolu 257D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, inkluż għalhekk is-subartikolu 1(ċ) ta' l-istess, ma jsibx applikazzjoni fil-każ in eżami u dana għas-segwenti żewġ raġunijiet:

- Fl-ewwel lok in kwantu l-imputati qed jiġu akkużati bir-reat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza, l-artikoli tal-Liġi relattivi għal dan ir-reat partikolari già jipprovdu għall-aggravanti ulterjuri meta l-vittma tkun persuna li għalqet is-sittin sena u dana kif jirriżulta ferm ċar mill-Artikolu 276A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi illi: *il-pieni*

*msemmijin fl-artikoli 273, 274, 275 u 276* - fil-każ in eżami l-Artikolu applikabbli għall-finijiet ta piena huwa l-Artikolu 274(ċ) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta li jittratta dwar il-piena għar-reat ta' serq ikkwalifikat b'offiża fuq il-persuna, fejn l-offiża tkun waħda ta' natura ħafifa - *għandhom jiżdiedu bi grad jew żewġ gradi meta l-vjolenza hemm imsemmija tkun diretta kontra persuna taħt l-età ta' tnax-il sena jew li tkun għalqet l-età ta' sittin sena jew kontra persuna li tkun tbati minn marda tal-ġisem jew tal-moħħ fi grad li minħabba fiha ma tkunx tista' tagħmel reżistenza xierqa.* Fiċ-ċirkostanzi għalhekk f'dan il-każ partikolari l-Artikolu 257D(1)(ċ) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta ma jsibx applikazzjoni in kwantu ma jistax u ma għandux ikun hemm piena doppja għall-istess aggravanti.

- Fit-tieni lok sabiex l-Artikolu 257D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jsib applikazzjoni, mill-provi jrid jirriżulta l-*quantum* tal-ħsara sofferta mill-vittma, liema prova f'dan il-każ ma saritx u għalhekk anke minn dan l-aspett l-imsemmi artikolu tal-Liġi ma jsibx applikazzjoni.

L-Artikolu 257E tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *(1) Kull min, bla ordni skond il-liġi, jarresta, iżomm jew jissekwestra lil xi persuna anzjana jew adult dipendenti kontra l-volontà ta' dik il-persuna jew adult, jew b'xi mod jirrestrinġi jew jostakola l-moviment liberu u aċċess mhux ostakolat ta' persuna anzjana jew ta' adult dipendenti jeħel, meta jinsab ħati l-piena ta' priġunerija minn tmintax-il xahar sa' erba' snin. (2) Meta l-imġiba mfissra fis-subartikolu (1) tkun twettqet bl-użu tal-vjolenza, forza, tixħim, qerq, ingann, jew billi juri ħaġa b'oħra, pressjoni mhux kif imiss jew xi mġieba oħra llegali jew bit-theddid ta' aġir bħal dan, il-piena għandha tiżdied b'żewġ gradi jew tliet gradi.*

Il-Qorti temmen li l-Avukat Ġenerali jikkontendi li r-reat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza li bih qed jiġu akkużati l-imputati Elton Brincat u Brendan Cachia flimkien seħħ ukoll flimkien mas-sekwestru ta' Anthony Cutajar. Din il-fehma hija msaħħa mill-fatt li fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju l-Avukat Ġenerali jindika wkoll l-Artikolu 275 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi illi: *il-ħati ta' serq li jsir flimkien ma' sekwestru tal-persuna jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sena sa' erba' snin.*

Hawn ukoll il-Qorti tqis li l-Artikolu 257E tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta ma jsibx applikazzjoni kemm minħabba dak provdut fl-Artikolu 276A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta iżda iktar minn hekk minħabba l-fatt li fil-fehma Tagħha l-elementi tas-sekwestru tal-persuna f'dan il-każ ma jissussistux.

Il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenzi fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Dominic Bonnici** deċiżi mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-5 ta' Jannar 2004 u fit-22 ta' April 2004, fejn ingħad illi *l-artikolu 262(1)(a) tal-Kap.9 li jiddefinixxi r-reat ta' serq kwalifikat bil-vjolenza jiddisponi biss li jkun hemm tali kwalifika meta s-serq isir flimkien ma' omiċidju, ma' offiża fuq il-persuna jew ma' sekwestru tal-persuna eċċ, bla ma jgħid x'inhu s-sekwestru tal-persuna. L-Artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali, imbagħad, jgħid li jkun ħati tar-reat ta' sekwestru ta' persuna: "...kull min, bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, jarresta, iżomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha jew jagħti l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata miżmuma jew issekwestrata...". Illi l-Professur Sir Anthony Mamo (Notes on Criminal Law [1953 edit.] [Part. II p. 40] meta jkun qed jittratta l-element materjali tar-reat in kwistjoni jgħid:- "the words "arrest" "detention" and "confinement" are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty: "il reato preveduto nell'articolo 169 (our Section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o camina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quel luogo ove si trova; si quando finalmente si trasporti da un*

*luogo ad un altro (ROBERTI - ibid, para. 323) … Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place; or may be detained in his own house without having been previously arrested.* Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali żiedet tgħid illi *dejjem ġie ritenut mill-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali tagħna li biex ikun hemm il-kwalifika tas-sekwestru tal-persuna għall-finijiet tas-serq huwa biżżejjed li dak is-serq isir "flimkien" (fis-sens tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 262) mal-privazzjoni fir-rigward ta' xi persuna tal-libertà personali tagħha. Fi kliem ieħor,* ***ikun hemm is-sekwestru tal-persuna għall-finijiet ta' l-Artikolu 262(1)(a) mhux biss jekk persuna tiġi meħuda minn post għal ieħor kontra l-volontà tagħha, imma anke jekk sempliċement tiġi miżmuma kontra l-volontà tagħha milli tiċċaqlaq jew tiġi msakkar x'imkien - basta però, li jkunu jikkonkorru ukoll għall-anqas iċ-ċirkostanzi, jew waħda miċ-ċirkostanzi, imsemmija fl-imsemmi subartikolu (2) ta' l-Artikolu 262***[43].

Fil-każ in eżami però l-Qorti tqis li l-elementi meħtieġa biex jitqies li r-reat in kwistjoni seħħ flimkien mas-sewkestru ta' Anthony Cutajar ma jissussitux. In effetti tqis li għalkemm l-imputat Elton Brincat waqqa' lil Anthony Cutajar ma' l-art, Cutajar ma ġiex miżmum kontra l-volontà tiegħu milli jiċċalaq fil-ħin li l-imputat seraqlu l-mobile, anzi mix-xhieda ta' l-istess Anthony Cutajar jirriżulta li huwa ipprova jagħmel minn kollox biex l-imputat Elton Brincat ma jeħdolux il-mobile, iżda ma rnexxilux. Fir-rigward Anthony Cutajar xehed illi *kont miexi lejn il-knisja u f'daqqa waħda ġie xi ħadd u tani daqqa ġo dahri. Waqajt ma' l-art u qalli l-mobile irrid, ħadli l-mobile minn idi x'ħin kont ma' l-art, ma tlaqtux u tani daqqa ta' sieq hawnhekk* - ossia fil-kustilji - … *imbagħad ħatafuli minn idi, itih daqqa ta' sieq qisu 10 metri, ġabru u kif qomt telaq jiġri. … ta daqqa ta' sieq lill-mobile li ħatafli minn idi għax jien mort biex nerġa' naqbdu.* Ċertament kieku Anthony Cutajar kien miżmum kif previst għall-fini tas-sewkestru ta' persuna, huwa ma kienx ikun f'posizzjoni li jfixxkel lill-imputat Elton Brincat waqt li kien qed jipprova jeħodlu l-mobile minn idu u addirittura li jqum biex jerġa' jipprova jaqbad il-mobile.

Għaldaqstant fil-każ in eżami ma jissussistux l-elementi tas-sekwestru ta' persuna u wisq inqas l-element tas-serq li seħħ flimkien mas-sekwestru ta' persuna bil-konsegwenza li l-Artikolu 257E tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikax għal dan il-każ.

**L-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat Elton Brincat waħdu:**

L-imputat Elton Brincat waħdu qed jiġi akkużat: (i) talli fl-1 ta' Jannar 2021 għall-ħabta ta' bejn l-05:00hrs u l-05:15hrs ta' filgħodu ġewwa Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Anthony Cutajar anzjan ta' sebgħa u sittin sena, liema ħsara hija ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifikata minn Dr. Nicholas Fava tal-Berġa tas-Saħħa tal-Floriana. In kwantu rigwarda din l-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat Elton Brincat waħdu, fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju l-Avukat Ġenerali ndika li din il-Qorti tista' ssib ħtija fl-imsemmi imputat taħt l-Artikolu 221(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-imsemmi provvediment tal-Liġi jiddisponi li: *l-offiża fuq il-persuna li ma ġġib ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, titqies li hija ħafifa u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn jew il-multa.*

L-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' din l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu waħdu.

Kif già iktar 'l fuq osservat, mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jirriżulta 'l hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat Elton Brincat effettivament ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa lil Anthony Cutajar meta mar minn warajh u imbuttah ma' l-art u anke tah daqqa ta' sieq fil-kustilji biex seraqlu l-mobile minn idu. A skans ta' ripetuzzjoni inutili l-Qorti tagħmel ampja

[43] Enfasi tal-Qorti.

referenza għal dak minnha già osservat fir-rigward tal-ġrieħi kawżati mill-imputat Elton Brincat lil Anthony Cutajar u tqis u tikkonkludi li fiċ-ċirkostanzi u fid-dawl tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, l-imputat għandu jkoll jinstab ħati ta' din l-imputazzjoni partikolari dedotta fil-konfront tiegħu.

L-imputat Elton Brincat waħdu qed jiġi akkużat ukoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bla ordni skond il-Liġi ta' l-awtorità kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-liġi s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Anthony Cutajar anzjan ta' sebgħa u sittin sena, kontra l-volontà tiegħu u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex jkun mġiegħel jaċċetta li jagħmel xi trasferiment ta' ħwejjġu. Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju l-Avukat Ġenerali ndika li l-imsemmi imputat jista' jinstab ħati minn din il-Qorti taħt l-Artikoli 86, 87(1)(ċ)(e) u 88 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' din l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

L-Artikolu 86 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jittratta dwar ir-reat ta' arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-Liġi u l-Artikoli 87 u 88 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jittrattaw rispettivament dwar iċ-ċirkostanzi aggravanti u l-piena għall-arrest kontra l-Liġi li jsir b'offiża fuq il-persuna.

In kwantu rigwarda din l-imputazzjoni partikolari l-Qorti tosserva li già ikkonkludiet iktar 'l fuq f'din is-sentenza li l-elementi rikjesti mill-Liġi għas-susistenza ta' dan ir-reat fil-każ in eżami ma jissussistux. Hawn ukoll a skans ta' ripetizzjoni inutili l-Qorti tagħmel ampja referenza għal dak minnha già osservat iktar 'l fuq fir-rigward ta' dan ir-reat partikolari u tqis li l-imputat Elton Brincat ma għandux u ma jistax jinstab ħati ta' tali reat.

It-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-Elton Brincat waħdu hija fis-sens illi: u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D. datata 24 ta' Diċembru 2018 li bih tat il-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet.

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju l-Avukat Ġenerali ndika li din il-Qorti tista' issib ħtija fl-imputat kif maħsub fl-Artikolu 579 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' din l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Għall-finijiet ta' din l-imputazzjoni l-Prosekuzzjoni ressqet bħala xhud lill-Ispettur Joanna Piscopo li waqt is-seduta tas-6 ta' April 2021 esebiet vera fotokopjia tad-Digriet maħruġ minn, dak iż-żmien, Maġistrat Dr. Audrey Demicoli datat 24 ta' Diċembru 2018 fil-proċeduri fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Elton Brincat" - Dok. "JP1" a fol. 288 tal-proċess - minn liema jidher li l-imputat Elton Brincat f'dawk il-proċeduri, li l-Ispettur Piscopo għarfitu bħala l-istess persuna imputata fil-proċeduri odjerni, kien ingħata l-ħelsien mill-arrest verso depożitu ta' €4,000 u garanzija personali ta' €4,000 u taħt diversi termini u kondizzjonijiet fosthom li matul il-perijodu ta' ħelsien mill-arrest l-imsemmi Elton Brincat ma jwettaqx delitt ta' natura volontarja - kondizzjoni numru 4 tad-Digriet. Mix-xhieda ta' l-Ispettur Piscopo jirriżulta ukoll li fiż-żmien tax-xhieda tagħha l-proċeduri kontra Elton Brincat kienu għadhom pendenti[44] u għaldaqstant, isegwi li l-kondizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest kienu għadhom in vigore.

[44] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' April 2021, fol. 286 u 287 tal-proċess.

Kif già iktar 'l fuq osservat b'din id-deċiżjoni l-imputat Elton Brincat qed jinstab ħati tar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-ħin a detriment ta' Anthony Cutajar, li fiż-żmien tat-twettiq tar-reat kellu 67 sena, u tar-reat ta' offiża volontarja ta' natura ħafifa fuq l-istess Anthony Cutajar. Dawn ir-reati, imwettqa fl-1 ta' Jannar 2021, huma entrambe ta' natura volontarja u twettqu fi żmien meta l-kondizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest ta' l-imputat bis-saħħa tad-Digriet ta' l-24 ta' Diċembru 2018 kienu għadhom fis-seħħ. Minn dan isegwi għalhekk li l-imputat ivvjola l-kondizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest tiegħu, senjatament il-kondizzjoni numru 4 tad-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest datat 24 ta' Diċembru 2018, u għaldaqstant għandu jinstab ħati tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu waħdu.

L-imputat Elton Brincat qed jiġi akkużat ukoll talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi irrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu.

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju l-Avukat Ġenerali ndika li din il-Qorti tista' ssib ħtija fl-imputat Elton Brincat ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' din l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Għall-finijiet ta' din l-imputazzjoni l-Prosekuzzjoni, tramite x-xhud Maria Dolores Fenech, Aġent Reġistratur Qrati Kriminali, esebiet:

- Is-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Elton Brincat" deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-13 ta' Settembru 2001[45], in forza ta' liema l-imputat f'dawk il-proċeduri - li mill-konnotati tiegħu jirriżulta li huwa l-istess imputat f'dawn il-proċeduri - instab ħati ta' l-imputazzjonijiet hemm dedotti kontrih u tqiegħed taħt is-sorveljanza ta' uffiċjal tal-Probation għal perijodu ta' tnax-il xahar;

- Is-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Elton Brincat" deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-18 ta' Frar 2008[46], in forza ta' liema l-imputat f'dawk il-proċeduri - li mill-konnotati tiegħu jirriżulta li huwa l-istess imputat f'dawn il-proċeduri - instab ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih iżda bil-mod kif finalment deċiż mill-Qorti u kkundannat għal sitt xhur priġunerija sospiżi għal sentejn u għall-ħlas ta' multa ta' Lm700, pagabbli ratealment permezz ta' rati ta' Lm50 fix-xahar. Mill-fedina penali ta' l-imputat jirriżulta li l-multa tħallset fit-28 ta' April 2009.

Huwa in bażi għal din is-sentenza tat-18 ta' Frar 2008 li l-imputat Elton Brincat jista' jinstab li huwa reċidiv u dana biss ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux ukoll ta' l-Artikolu 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għas-segwenti raġunijiet:

(i) fl-ewwel lok, fil-każ tas-sentenza deċiża fit-13 ta' Settembru 2001, huwa ormai prinċipju assodat li d-dikjarazzjoni ta' ħtija fi proċeduri kontra l-imputat li intemmew permezz ta' sentenza li biha huwa tqiegħed taħt Ordni ta' Probation ma tista' qatt titqies bħala dikjarazzjoni ta' ħtija għall-finijiet ta' reċidiva[47]; u
(ii) ir-reati li tagħhom l-imputat Elton Brincat qed jinstab ħati f'dawn il-proċeduri seħħew fl-1 ta' Jannar 2021 ossia ben oltre t-terminu ta' ħames snin - mit-tmiem tal-perijodu operattiv tas-sentenza sospiża u d-data meta tħallset il-multa.

---

[45] Dok. "MF4" a fiol. 351 sa' 353 tal-proċess.
[46] Dok. "MF5" a fol. 354 sa' 358 tal-proċess.
[47] Il-Pulizija v. Christopher Agius, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-17 ta' Settembru 2004.

Konsegwentement għalhekk l-imputat Elton Brincat, fid-dawl tas-sejbien ta' ħtija skond din id-deċiżjoni, għandu jinstab jitqies bħala reċidiv limitatament ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**L-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat Brendan Cachia waħdu:**

L-imputat Brendan Cachia waħdu qed jiġi akkużat talli fl-1 ta' Jannar 2021 u ż-żminijiet ta' qabel ġewwa dawn il-gżejjer saq vettura bil-mutur bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DBS-341 ta' l-għamla Toyota mingħajr licenza tas-sewqan, b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż. Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju l-Avukat Ġenerali jindika li din il-Qorti tista' ssib ħtija fl-imputat taħt l-Artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' din l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

L-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *(1) Kull min - (a) isuq vettura bil-mutur jew vettura oħra mingħajr liċenza tas-sewqan jew vettura bil-mutur jew vettura oħra li ma jkollhiex liċenza, jew isuqha b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż, iżda ma tkun meħtieġa ebda liċenza dwar bicycle...* Is-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 15 tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *fil-każ ta' kull reat ieħor taħt is-subartikolu (1) il-qorti b'żieda għall-piena skond dak is-subartikolu, għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien ta' mhux anqas minn tmint ijiem.*

Għall-finijiet ta' din l-imputazzjoni l-Prosekuzzjoni ressqet bħala xhud lil Stephen Cachia in rappreżentanza ta' Transport Malta li xehed illi *ġejna wkoll mitluba nagħmlu riċerka rigward il-liċenza tas-sewqan ta' Brendan Cachia, detentur tal-Karta ta' l-Identità numru 75487(M), u mir-riċerka li għamilt jirriżulta illi huwa għandu liċenzja revokata u din ġiet revokata fil-21 ta' Mejju tas-sena 2009*[48].

Mix-xhieda ta' Stephen Cachia jirriżulta ferm evidenti li l-imputat Brendan Cachia li *ex admissis* kien qed isuq il-vettura ta' l-għamla Toyota Vitz bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DBS-341 fl-1 ta' Jannar 2021, kien qed isuq l-istess vettura fi żmien meta ma kellux liċenza tas-sewqan maħruġa f'ismu. B'hekk jirriżulta li huwa għandu jinstab ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu waħdu.

L-imputat Brendan Cachia qed jiġi akkużat ukoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi għamel użu minn vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DBS-341 ta' l-għamla Toyota mingħajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurtà dwar ir-riskju tat-terzi persuni. Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju l-Avukat Ġenerali ndika li l-Qorti tista' ssib ħtija fl-imsemmi imputat ai termini ta' l-Artikoli 3(1)(2)(2A)(2B), 4(4) u 22 tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' din l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

L-Artikolu 3(1) tal-Kap.104 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ħadd ma jista' jużа jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skond il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skond id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.*

Importanti li jiġi kkunsidrat ukoll dak provdut fis-subartikolu (1A) ta' l-imsemmi artikolu tal-Liġi li appuntu jiddisponi li: *ikun preżunt li ma kienx hemm Polza ta' assigurazzjoni fis-*

[48] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Frar 2021, fol. 240 u 241 tal-proċess.

*seħħ skond is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat ta' l-assigurazzjoni maħruġ taħt l-Artikolu 4(4).* Ai termini ta' l-Artikolu 4(4) tal-Kap.104 tal-Liġijiet ta' Malta, *polza ta' assigurazzjoni ma għandha ebda effett għall-finijiet ta' din l-Ordinanza kemm-il darba u sakemm ma jiġix maħruġ mill-assiguratur awtorizzat favur il-persuna li ħadet il-polza, ċertifikat (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsemmi 'ċertifikat ta' assigurazzjoni) fil-forma stabbilita; u meta l-polza ta' assigurazzjoni tkun ċertifikat internazzjonali ta' assigurazzjoni, dak iċ-ċertifikat internazzjonali għandu, għall-finijiet kollha ta' din l-Ordinanza ħlief meta r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra, ikun iċ-ċertifikat ta' assigurazzjoni meħtieġ li jinħareġ taħt dan is-subartikolu.*

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-vettura ta' l-għamla Toyota Vitz bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DBS-341 hija reġistrata f'isem Joseph Cachia[49], illi mill-istqarrija ta' l-imputat Brendan Cachia jirriżulta li huwa missieru. Mill-provi jirriżulta wkoll li bejn it-8 ta' Novembru 2020 u t-30 ta' April 2021, u b'hekk anke fiż-żmien pertinenti għal dawn il-proċeduri, din il-vettura kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni għar-riskji ta' terzi persuni, maħruġa minn MAPFRE Middlesea, fir-rigward ta' *the policy holder* - li mill-polza esebita bħala Dok. "MI" a fol. 275 tal-proċess jirriżulta li kien Joseph Cachia - *and any driver aged 25 years and over driving on the policyholder's order or permission*[50]. Dejjem mill-istqarrija ta' Brendan Cachia jirriżulta li għalkemm il-vettura in kwistjoni hija reġistrata f'isem missieru, jsuqha hu u jagħmel użu minnha hu u dana kjarament, fil-fehma tal-Qorti, bil-kunsens u awtorizzazzjoni ta' l-istess missieru Joseph Cachia. Mill-atti jirriżulta wkoll li fiż-żmien pertinenti għal dawn il-proċeduri jew ta' l-inqas fiż-żmien tal-koperatura assikurattiva bejn it-8 ta' Novembru 2020 u t-30 ta' April 2021, l-imputat Brendan Cachia kellu iktar minn 25 sena, di fatti kellu 33 sena.

Mill-provi jirriżulta għalhekk li ma huwiex minnu li l-imputat Brendan Cachia kien qed isuq vettura li ma kenitx koperta b'polza ta' assikurazzjoni għal riskji ta' terzi persuni. Għalkemm jirriżulta li huwa kien qed isuq fi żmien li ma kellux liċenzja valida tas-sewqan dan waħdu ma huwiex fatt li jannulla dik il-koperatura assikurattiva.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk jirriżulta li l-imputat Brendan Cachia ma għandux jinstab ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu waħdu.

L-imputat Brendan Cachia qed jiġi akkużat ukoll talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi rrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu.

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju l-Avukat Ġenerali ndika li din il-Qorti tista' ssib ħtija fl-imputat ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' din l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Għall-finijiet ta' din l-imputazzjoni hekk dedotta fil-konfront ta' l-imputat Brendan Cachia l-Prosekuzzjoni ressqet bħala xhud lil Maria Dolores Fenech, Aġent Reġistratur Qrati Kriminali[51], li esebiet is-segwenti sentenzi:

---

[49] Vide xhieda mogħtija minn Stephen Cachia in rappreżentanza ta' Transport Malta waqt is-seduta tat-22 ta' Frar 2021, fol. 240 u 241 tal-proċess.
[50] Vide xhieda mogħtija minn Andrew Pizzuto in rappreżentanza ta' MAPFRE Middlesea waqt is-seduta ta' l-4 ta' Marzu 2021, fol. 273 u 274 tal-proċess.
[51] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-21 ta' Ġunju 2021, fol. 336 u 337 tal-proċess.

- **Il-Pulizija v. Brendon Cachia** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-25 ta' April 2013[52], bis-saħħa ta' liema l-imputat f'dawk il-proċeduri, li mill-konnotati jirriżulta li huwa l-istess imputat f'dawn il-proċeduri, filwaqt li nstab ħati ta' l-imputazzjoni hemm dedotta kontra tiegħu ġie liberat bil-kondizzjoni li ma jwettaqx reat ieħor fi żmien sentejn ai termini ta' l-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta;

- **Il-Pulizija v. Brendan Cachia** deċiża mill-Qorti Kriminali fl-10 ta' Diċembru 2015[53] bis-saħħa ta' liema fir-rigward ta' l-imputat f'dawk il-proċeduri, li mill-Karta ta' l-Identità jirriżulta li huwa l-imputat f'dawn il-proċeduri, ġie kkonfermat is-sejbien ta' ħtija għall-imputazzjonijiet dedotti kontrih, fosthom imputazzjoni dwar serq, u ġiet *inter alia* kkonfermata il-piena ta' tlett snin priġunerija b'effett mit-13 ta' Awwissu 2014;

- **Il-Pulizija v. Brendan Cachia** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta' Ottubru 2014[54], bis-saħħa ta' liema l-imputat f'dawk il-proċeduri, li mill-konnotati jirriżulta li huwa l-istess imputat f'dawn il-proċeduri, instab ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u tqiegħed taħt Ordni ta' Probation għall-perijodu ta' tlett snin b'effett mid-data tas-sentenza.

Għall-finijiet ta' l-imputazzjoni tar-reċidiva hija s-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Brendan Cachia deċiża mill-Qorti Kriminali fl-10 ta' Diċembru 2015 li tikkosistwixxi prova valida fir-rigward in kwantu ż-żewġ sentenzi l-oħra huma bbażati fuq il-provvedimenti tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta. Mill-imsemmija sentenza ta' l-10 ta' Diċembru 2015 jirriżulta li l-imputat Brendan Cachia, fid-dawl tas-sejbien ta' ħtija b'din id-deċiżjoni, għandu jitqies bħala reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Piena:**

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni:

(i) In-natura tar-reati li tagħhom l-imputati sia flimkien kif ukoll fejn akkużati waħdehom, qed jinstabu ħatja tagħhom;
(ii) In kwantu rigwarda l-imputat Elton Brincat il-fatt li l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu waħdu jiġu assorbiti fl-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu flimkien ma' l-imputat Brendan Cachia;
(iii) In kwantu rigwarda l-imputat Brendan Cachia l-fatt li l-ewwwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu waħdu tiġi assorbita fl-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu flimkien ma' l-imputat Elton Brincat;
(iv) Dak li jirriżulta fil-konfront ta' l-imputat Elton Brincat mir-rapport ta' Dr. Kevin Sammut Henwood[55] minn liema jirriżulta li l-imsemmi imputat ukoll għandu problema ta' abbuż ta' droga u dak li jirriżulta fil-konfront ta' l-imsemmi imputat mis-Social Inquiry Report imħejji fir-rigward tiegħu mill-Probation Officer Maria Mifsud[56], ossia li l-imputat jeħtieġ sessjonijiet ta' terapija sabiex jaħdem fuq l-emozzjonijiet tiegħu, fuq l-assertività, mistħija kif ukoll jitgħallem jesprimi lilu nnifsu, jeħtieġ għajnuna psikjatrika sabiex ikompli jindirizza l-problema ta' saħħa mentali u jeħtieġ programm residenzjali sabiex jindirizza l-problema tad-droga li huwa għandu u li ilha tiddomina għal diversi snin; u

[52] Dok. "MF1" a fol. 338 u 339 tal-proċess.
[53] Dok. "MF2" a fol. 340 sa' 346 tal-proċess.
[54] Dok. "MF3" a fol. 347 sa' 350 tal-proċess.
[55] Fol. 416 sa' 425 tal-proċess.
[56] Dok. "MM" a fol. 369 sa' 412 tal-proċess.

(v) Dak li jirriżulta fil-konfront ta' l-imputat Brendan Cachia mis-Social Inquiry Report imħejji fil-konfront tiegħu mill-Uffiċjal tal-Probation Mary Rose Farrugia[57] fejn ġie osservat illi l-imsemmi imputat għandu bżonn l-għajnuna għar-riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

**Decide:**

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti:

A. Filwaqt li ma ssibx lill-imputat **Elton Brincat** ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu waħdu u b'hekk tilliberah minnha, wara li rat u ikkunsidrat l-Artikoli 20, 31, 49, 214, 215, 221(1) 261(a)(f), 262(1)(a)(2), 270, 274(ċ), 276A, 277(a) u 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat **Elton Brincat** ħati ta' l-imputazzjonijiet l-oħra kollha dedotti fil-konfront tiegħu, ossia ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u ta' l-imputat Brendan Cachia flimkien u ħati ta' l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet dedotti kontrih kif ukoll tqisu bħala reċidiv, kif ingħad ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, u tikkundannah għall-perijodu ta' erba' (4) snin priġunerija effettiva.

Ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna l-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' elfejn Euro (€2,000) mid-depożitu ta' €4,000 impost fuq l-imputat **Elton Brincat** bid-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest datat 24 ta' Diċembru 2018 maħruġ minn, dak iż-żmien, Maġistrat Dr. Audrey Demicoli.

Peress illi l-konfiska hija biss ta' parti mid-depożitu ta' €4,000 impost fuq l-imputat **Elton Brincat** bl-imsemmi Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest datat 24 ta' Diċembru 2018, sabiex huwa ikun jista' jkompli jibbenefika mill-ħelsien mill-arrest lilu hekk konċess bl-imsemmi Digriet wara tali konfiska parzjali tad-depożitu, huwa jkollu jerġa jiddepożita l-ammont hekk konfiskat u jerġa' jagħmel garanzija għall-ammont kollu oriġinarjament ordnat. Fin-nuqqas li jagħmel dan l-imputat ma jkunx qed jottempera ruħu ma' dak fuqu impost għall-finijiet tal-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest u b'hekk ikun qed jirrendi lilu nnifsu soġġett għar-riarrest tiegħu sakemm jiġi hekk in ottemperanza mal-benefiċċju lilu konċess.

Peress illi mis-Social Inquiry Report imħejji fir-rigward ta' l-imputat **Elton Brincat** jirriżulta li huwa jeħtieġ sessjonijiet ta' terapija sabiex jaħdem fuq l-emozzjonijiet tiegħu, fuq l-assertività, mistħija kif ukoll jitgħallem jesprimi lilu nnifsu, jeħtieġ għajnuna psikjatrika sabiex ikompli jindirizza l-problema ta' saħħa mentali u jeħtieġ programm residenzjali sabiex jindirizza l-problema tad-droga li huwa għandu u li ilha tiddomina għal diversi snin, ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta tqiegħed lill-imputat **Elton Brincat** taħt Ordni ta 'Trattament għall-perijodu ta 'erba' (4) snin dekoribbli mid-data tad-Digriet ta 'Ordni ta 'Trattament mogħti llum stess u taħt it-termini u kondizzjonijiet stipulati f'tali Digriet, liema Digriet qed jiġi anness ma 'din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta 'l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta 'Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat **Elton Brincat** bi kliem ċar u li jinftiehem illi jekk f'xi żmien matul il-perijodu operattiv ta ' l-Ordni ta 'Trattament huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma 'xi rekwiit jew kondizzjoni ta 'l-istess Ordni, kemm-il darba dan jiġi ppruvat a sodisfazzjoni tal-Qorti huwa jista 'jeħel ammenda ta 'mhux iżjed minn €1,164.69.

---

[57] Dok. "BC" a fol. 453 sa' 487 tal-proċess.

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti tikkundanna lill-imputat **Elton Brincat** iħallas is-somma ta' €592.73 rappreżentanti nofs l-ispejjeż inkorsi għan-nomina ta' l-Espert Tekniku John Sacco[58] u ta' l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri[59].

B. Filwaqt li ma ssibx lill-imputat **Brendan Cachia** ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu waħdu u b'hekk tilliberah minnha, wara li rat u ikkunsidrat l-Artikoli 20, 31, 42(d), 43, 49, 50, 261(a)(f), 262(1)(a)(2), 270, 274(ċ), 276A, 277(a) u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat **Brendan Cachia** ħati ta' l-imputazzjonijiet l-oħra kollha dedotti fil-konfront tiegħu, ossia ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u ta' l-imputat Elton Brincat flimkien u ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu waħdu u tqisu bħala reċidiv, kif ingħad ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, u tikkundannah għall-perijodu ta' erba' (4) snin priġunerija effettiva.

Ai termini ta' l-Artikolu 15(3) tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiskwalifika lill-imputat **Brendan Cachia** milli jikseb liċenza tas-sewqan għall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat.

Peress illi mis-Social Inquiry Report imħejji fir-rigward ta' l-imputat **Brendan Cachia** jirriżulta li huwa jeħtieġ l-għajnuna għar-riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga, ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta tqiegħed lill-imputat **Brendan Cachia** taħt Ordni ta 'Trattament għall-perijodu ta 'erba' (4) snin dekoribbli mid-data tad-Digriet ta ' Ordni ta 'Trattament mogħti llum stess u taħt it-termini u kondizzjonijiet stipulati f'tali Digriet, liema Digriet qed jiġi anness ma 'din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta 'l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta 'Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat **Brendan Cacnia** bi kliem ċar u li jinftiehem illi jekk f'xi żmien matul il-perijodu operattiv ta 'l-Ordni ta 'Trattament huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma 'xi rekwiit jew kondizzjoni ta 'l-istess Ordni, kemm-il darba dan jiġi ppruvat a sodisfazzjoni tal-Qorti huwa jista 'jeħel ammenda ta 'mhux iżjed minn €1,164.69.

Ai termini ta' l-Artikolu 23(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna l-konfiska tal-vettura ta' l-għamla Toyota Vitz bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DBS-341, liema vettura għad illi reġistrata f'isem Joseph Cachia mill-provi ampjament irriżulta li fil-verità jagħmel użu minnha u jsquha l-imputat Brendan Cachia u dana minkejja li l-licenza tas-sewqan tiegħu ilha revokata sa' mill-21 ta' Mejju 2009.

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti tikkundanna lill-imputat **Brendan Cachia** jħallas is-somma ta' €592.73 rappreżentanti nofs l-ispejjeż inkorsi għan-nomina ta' l-Espert Tekniku John Sacco[60] u ta' l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri[61].

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

---

[58] Spejjeż totali ammontanti għal €919.46, fol. 140 tal-proċess.
[59] Spejjeż totali ammontanti għal €266.00, fol. 272 tal-proċess.
[60] Spejjeż totali ammontanti għal €919.46, fol. 140 tal-proċess.
[61] Spejjeż totali ammontanti għal €266.00, fol. 272 tal-proċess.